| Il-Programm għall-Edukazzjoni Reliġjuża għat-Tieni Sena tal-Primarja | | |
|---|---|---|
| | | |
| **KAP 6 – NGĦIXU BĦAL ĠESÙ** | | |
| L-Objettiv: | Il-Lingwa Reliġjuża | 2 lezzjonijiet |
| 6.1 | **Il-ħajja hi dejjem sabiħa** | 6.1 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jirrealizzaw li fil-ħajja l-affarijiet mhux dejjem jiġu kif inkunu nixtiequ.<br>2. Jitgħallmu li minkejja d-diffikultajiet, m'għandhom qatt jaqtgħu qalbhom.<br>3. Jitgħallmu jaċċettaw kull sitwazzjoni u jitgħallmu minnha. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Nitgħallmu naċċettaw li fil-logħob mhux dejjem irridu nirbħu.<br>2. Tajjeb nitgħallmu ngħinu lil ħaddieħor jaċċetta li ma jistax ikun rebbieħ f'kollox. | |
| L-Attitudni | 1. It-tfal jaslu biex fil-logħob u f'kull ħaġa oħra li jagħmlu, dejjem jagħmlu l-aħjar li jistgħu. Dan ma jfissirx li jekk ikunu qegħdin jilagħbu għandhom dejjem jirbħu.<br>2. It-tfal jifhmu u jkunu ferħanin xorta anke meta ma jirbħux. Liil min jirbaħ jgħidulu 'prosit' xorta waħda. | |
| | | |
| 6.2 | **Meta mhux kollox sew** | 6.2 |
| L-Għanijiet | It-tfal:<br>1. Jaqsmu flimkien xi diżappunti li kellhom f'ħajjithom u jaqsmu l-emozzjonijiet li ħassew dak iż-żmien. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 2. Jiddiskutu l esperjenzi meta kisbu suċċess wara li kellhom xi falliment. | |
| Il-Kontenut | It-tfal jitgħallmu dan:<br>1. Matul il-ħajja mhux dejjem se jkollna suċċess. Se jkun hemm drabi fejn ikollna fallimenti.<br>2. Irridu naċċettaw is-sitwazzjonijiet ta' diżappunt imma m'għandna qatt naqtgħu qalbna. | |
| L-Attitudni | 1. It-tfal juru li x-xogħol li għandhom jagħmlu jeħduh, anki meta ma jirnexxux. Hu importanti ħafna li qatt ma jaqtgħu qalbhom u jagħmlu kuraġġ.<br>2. It-tfal juru li hu importanti għalihom li jibqgħu jistinkaw. | |
| | | |
| L-Objettiv | Id-Dimensjoni Spiritwali | 2 lezzjonijiet |
| 6.3 | Ġesù bata wkoll | 6.3 |
| L-Għanijiet | It-tfal:<br>1. Jisimgħu l-istorja tal-passjoni ta' Ġesù.<br>2. Jifhmu li Ġesù miet għalina biex isalvana mid-dnub.<br>3. Jifhmu li Ġesù għadu jaħfrilna kull darba li nagħmlu d-dnub. Għalhekk tajjeb li nersqu lejn is-sagrament tal-qrar. | |
| Il-Kontenut | It-tfal jitgħallmu dan:<br>1. Fl-Aħħar Ċena Ġesù bidel il-ħobż u l-inbid fil-ġisem u d-demm tiegħu. Hekk Ġesù ried jibqa' magħna u jkun l-ikel ta' ruħna.<br>2. Ġesù miet għalina biex jerġa' jagħmilna ħbieb ma' Alla u jsalvana mill-mewt ta' dejjem.<br>3. Meta miet għalina fuq is-salib, Ġesù tana l-akbar prova ta' kemm iħobbna. | |

| | | |
|---|---|---|
| L-Attitudni | 1. It-tfal jaħsbu u juru li huma jagħżlu li jagħmlu dak li jixtieq Ġesù minnhom.<br>2. It-tfal jifhmu li meta jagħmlu xi ħaġa li ma togħġobx lil Ġesù, iqerru ħalli jinħafrulhom dnubiethom. | |
| | | |
| 6.4 | **Fiex tiftakar?** | 6.4 |
| L-Għanijiet | It-tfal:<br>1. Jagħrfu kif ser isarrfu l-ħajja ta' Ġesu' fl-ħajja tagħhom billi jkunu xhieda tiegħu.<br>2. Jiftakru fl-affarijiet mill-ħajja tagħhom li jfakkarhom f'Ġesù. | |
| Il-Kontenut | It-tfal jitgħallmu dan:<br>1. Kulħadd jixtieq imur il-Ġenna u biex naslu hemm, it-Triq hija ĠESU'.<br>2. Biex nimxu warajh irridu nagħżlu li nagħmlu l-affarijiet li jagħġbu lilu. | |
| L-Attitudni | 1. It-tfal jippruvaw jagħmlu dawk l-affarijiet li jixtieq minnhom Ġesu' ħalli b'hekk ikunu dejjem xhieda tiegħu f'dak kollu li jagħmlu.<br>2. Meta jsibuha diffiċli biex jagħmlu dan, huma jaraw li jitolbu lil Ġesu' biex jgħinhom. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Kelma t'Alla** | **2 lezzjonijiet** |
| 6.5 | **Niċċelebraw il-Qawmien** | |
| L-Għanijiet | It-tfal:<br>1. Jisimgħu l-istorja tal-qawmien ta' Ġesu'.<br>2. Jiffukaw fuq l-ikbar suċċess - il-qawmien.<br>3. Jagħrfu l-kobor tal-qawmien. | |

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Kontenut** | It-tfal jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù huwa ħaj. Ġesù rebaħ fuq il-mewt u ħadd ma jista' jagħmillu xejn.<br>2. Il-festa tal-Għid il-Kbir hija l-akbar festa tagħna l-Insara.<br>3. Jekk nemmnu f'Ġesù u nimxu warajh aħna wkoll nirbħu miegħu. | |
| **L-Attitudni** | 1. Bħal Ġesù għandna naraw kif negħlbu d-diffikultajiet, in-niket u t-tbatija li niltaqgħu magħhom ta' kuljum.<br>2. M'għandna naqtgħu qalbna qatt. | |
| | | |
| **6.6** | **Ġesù huwa Ħaj!** | **6.5** |
| **L-Għanijiet** | It-tfal:<br>1. Jisimgħu l-istorja ta' Marija Madalena.<br>2. Jagħrfu l-kuragg tal-appostli meta ndunaw li Ġesù kien qam. | |
| **Il-Kontenut** | It-tfal jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù jrid jibqa' magħna biex imexxina lejn il-Missier.<br>2. Hu jrid li aħna jkollna l-kuraġġ biex niffaċċjaw il-ħajja u nagħmlu dak li jixtieq minna Hu. | |
| **L-Attitudni** | 1. It-tfal juru li għandhom il-kuraġġ biex ikompli mexjin anki meta jkunu se jaqtgħu qalbhom għax jafu li Ġesù qiegħed magħhom biex jgħinhom.<br>2. Jagħmlu kuraġġ bil-ħsieb li kif Ġesu' għeleb il-mewt, huma wkoll jistgħu jegħlbu d-diffikultajiet li jkollhom permezz tal-għajnuna li dejjem jagħtihom Ġesù. | |
| | | |

| L-Objettiv | Il-Ħarsa Persoinali tad-Dinja Kattolika | 2 lezzjonijiet |
|---|---|---|
| 6.7 | X'jixtieq minni Ġesù? | 6.6 |
| L-Għanijiet | It-tfal:<br>1. Jirrevedu l-istorja tal-qawmien ta' Ġesù.<br>2. Jagħrfu minn fejn jiġi l-kuraġġ biex inkomplu mexjin.<br>3. Jifhmu x'irid minnhom Ġesù għall-età li għandhom. | |
| Il-Kontenut | 1. Għandi dejjem nagħmel kuraġġ.<br>2. M'għandi naqta' qalbi qatt għax Ġesu' se joffrili l-għajnuna tiegħu. | |
| L-Attitudni | 1. It-tfal juru kuraġġ fil-ħajja tagħhom għaliex anke f'sitwazzjonijiet li huma diffiċli għalihom.<br>2. Jiftakru li Ġesù, permezz tal-Ispirtu s-Santu, qiegħed dejjem magħhom biex jgħinhom. | |
| | | |
| 6.8 | Min se jgħinna nagħmlu kuraġġ? | |
| L-Għanijiet | It-tfal:<br>1. Jifhmu kif Alla l-Missier u dawk li jħobbuna, jgħinuna biex nagħmlu kuraġġ f'ħajjitna. | |
| Il-Kontenut | It-tfal jitgħallmu dan:<br>1. Meta jkunu se jaqtgħu qalbhom għandhom dejjem jiftakru li Ġesù qiegħed hemm għal kulħadd.<br>2. Meta nkunu f'sitwazzjoni fejn jonqsilna l-kuraġġ, għandna nitolbu l-għajnuna ta' nies li nafdaw. | |
| L-Attitudni | • It-tfal jagħmlu kuraġġ lil xulxin f'sitwazzjonijiet diffi` li biex ma jaqtgħux qalbhom. | |
| | | |